# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Antonello Magri)**

**(Spettur James Mallia)**

**vs**

**Albert Ciantar**

**Kumpilazzjoni Numru: 692/22**

**Illum, 25 ta' Novembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi miġjuba kontra Albert Ciantar detentur tal-karta tal-identità numru 240471M akkużat;

Talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi jew dispożizzjonijiet relatati tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

Akkużat talli nhar 9 t'Ottubru 2022 bejn 09:00hrs u 12:00hrs, minn ġewwa substation ta' l-enemalta li tinsab gewwa Triq il-Buskett, Żebbuġ. -

1. Ikkometta serq ta' cable tar-ram, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**mezz, u bil-valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment tal-kumpanija Enemalta u/jew entitajiet oħra

U aktar talli bejn id-9 t' Ottubru 2022 u 12 t' Ottubru 2022, minn ġewwa Substantion ta' Enemalta li tinsab gewwa Triq il-Buskett, Żebbuġ: -

2. Ikkometta serq ta' cable tad-dawl ta' lewn iswed, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**mezz, u bil-valur**, liema ammont **ma jeccedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin

euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment tal-kumpanija Enemalta u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli bejn it-18 t'Ottubru 2022 u id-19 t'Ottubru 2022, minn ġewwa Vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAQ 917 ta' għamla Izuzu: -

3. Ikkometta serq ta' sitt (6) transformers u/jew oġetti ohra, liema serq huwa aggravat bil-**mezz, xorta tal-haġa misruqa u bil-valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment ta' Brian Galdes u/jew persuni oħra

U aktar talli nhar bejn l-1 ta' Novembru 2022 u it-2 ta' Novembru 2022, minn ġewwa Building site illi tinsab ġewwa Triq Mikielanġ Sapiano, Zebbug u/jew fil-viċinanzi: -

4. Ikkometta serq ta' ta wire ta tower crane, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**mezz, u bil-valur**, liema ammont **jeċċedi** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u

sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment tal-kumpanija Andre Escave u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli bejn l-4 ta' Novembru 2022 u 7 ta' Novembru 2022, minn ġewwa Building site illi tinsab ġewwa Triq Clarence Pietà u/jew fil-viżinanzi: -

5. Ikkommetta **serq** ta' żewġt extentions u wire ta' tower crane, liema serq huwa aggravat bil-**valur**, liema ammont **ma jeccedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment ta' Christopher Sammut u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra;

U aktar talli bejn il-5 ta' Novembru 2022 u 7 ta' Novembru 2022 minn ġewwa building site illi tinsab ġewwa Triq Dun Gwann Theuma, Attard, u/jew fil-viċinanzi:-

6. Ikkommetta **serq** ta' Tower crane cable u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**mezz, u valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa

u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment ta' Mark Zahra u/jew persuni oħra;

U aktar talli bejn il-11 ta' Novembru 2022 u 12 ta' Novembru 2022, minn ġewwa Building site illi tinsab ġewwa Triq l-Imdina Attard u/jew fil-viċinanzi: -

7. Ikkometta serq ta' electric cable u/jew oġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**mezz, u bil-valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment ta' Anthony Bonanno u/jew persuni oħra;

U aktar talli bejn it-12 ta' Novembru 2022 u 14 ta' Novembru 2022, minn ġewwa Building site illi tinsab ġewwa Triq Ġużè Duca Qormi u/jew fil-viċinanzi: -

8. Ikkommetta **serq** ta' crane extension cable u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravate bil-**valur** liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u

tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment tal-kumpanija Smart Homes u/jew kumaniji oħra;

U aktar talli bejn l-14 ta' Novembru u l-15 ta' Novembru 2022, minn ġewwa Building site illi tinsab ġewwa Triq Ġużè Duca, Qormi u/jew fil-viċinanzi:

9. Ikkommetta **serq** ta' Tower crane cable u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment tal-kumpanija Smart Homes u/jew kumpaniji oħra

U aktar talli bejn is-16 ta' Novembru 2022 u 18 ta' Novembru 2022, minn ġewwa building site li tinstab Ta' sqaq iż-Żiemel limiti tal-Ħandaq, qormi u/jew fil-viċinanzi

10. Ikkommetta **serq** ta' Tower crane cable u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u

tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment ta' Saviour Soler u/jew persuni oħra

U aktar talli bejn it-18 ta' Novembru 2022 u l-20 ta' Novembru 2022, minn ġewwa Building site illi tinsab ġewwa Triq San Ġakmu, Luqa u/jew fil-viċinanzi:

11. Ikkommetta **serq** ta' Tower crane cable u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment ta' Darren Galea u/jew persuni oħra

U aktar talli bejn 19 ta' Novembru 2022 u 21 ta' Novembru 2022, minn ġewwa Building site illi tinsab ġewwa Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa, Luqa u/jew fil-viċinanzi:

12. Ikkommetta **serq** ta' Tower crane cable u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u

tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment tal-kumpanija Attard Brothers u/jewq kumpaniji oħra

U aktar talli nhar it-22 t' Novembru 2022 bejn 13:00hrs u 13:05hrs, minn ġewwa substation li tinsab ġewwa Triq Joseph Abela Scolaro, Ħamrun u/jew fil-viċinanzi:

13. Ikkommetta **serq** ta' low tension cables u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa aggravat bil-**valur**, liema ammont **ma jeċċedix** elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) u dan għad-detriment tal-entità enemalta u/jew entitajiet

14. U aktar talli irrenda ruħu **riċediv** ai termini tal-artikoli 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Rat id-dokumenti;

Semgħet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 261(b)(c)(g), 263, 278(3), 279(a), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkużi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li ngħata ż-żmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruħu.

Ikkunsidrat;

Stante ammissjoni u stante li l-imputat ammetta fi stadju bikri, il-Qorti qed issib lill-imputat Albert Ciantar ħati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u għaldaqstant qed tikkundannah għal piena ta' tletin (30) xahar priġunerija.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reġ.**